# DEĊIŻJONI (UE) 2022/2491 TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI, IMLAQQGĦIN FI ĦDAN IL-KUNSILL

**tat-8 ta' Diċembru 2022**

**li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea tinnegozja, f'isem l-Istati Membri, id-dispożizzjonijiet ta' Ftehim Komprensiv bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tat-Taġikistan, min-naħa l-oħra, li jaqgħu fil-kompetenzi tal-Istati Membri**

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA, IMLAQQGĦIN FI ĦDAN IL-KUNSILL,

Billi:

(1) Jenħtieġ li l-Kummissjoni Ewropea tiġi awtorizzata tinnegozja, f'isem l-Istati Membri, id-dispożizzjonijiet ta' Ftehim Komprensiv bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tat-Taġikistan, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim"), li jaqgħu fil-kompetenzi tal-Istati Membri.

(2) Il-Ftehim għandu jissostitwixxi l-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tat-Taġikistan, min-naħa l-oħra ([1]),

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri b'dan jawtorizzaw lill-Kummissjoni Ewropea tinnegozja, f'isem l-Istati Membri, id-dispożizzjonijiet ta' Ftehim Komprensiv bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tat-Taġikistan, min-naħa l-oħra, li jaqgħu fil-kompetenzi tal-Istati Membri.

2. In-negozjati għandhom jitmexxew, fejn japplika, abbażi tad-direttivi ta' negozjati tal-Kunsill li jinsabu fl-addendum tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2490 ([2]).

*Artikolu 2*

L-Artikolu 1 huwa mingħajr preġudizzju għal deċiżjonijiet futuri tal-Istati Membri relatati mad-deżinjazzjoni tar-rappreżentanti tagħhom dwar kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenzi tal-Istati Membri.

*Artikolu 3*

In-negozjati għandhom isiru f'konsultazzjoni mar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar l-Ewropa tal-Lvant u l-Asja Ċentrali u, għall-partijiet tal-Ftehim relatati mal-kummerċ, mal-Kumitat tal-Politika Kummerċjali.

([1]) ĠU L 350, 29.12.2009, p. 3.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2490 tat-8 ta' Diċembru 2022 li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea u lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà jiftħu negozjati dwar Ftehim Komprensiv bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tat-Taġikistan, min-naħa l-oħra (Ara paġna 92 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Diċembru 2022.

*Għar-Rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri*
*Il-President*
V. RAKUŠAN